MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 414/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stefan Cutajar**

**Il-Qorti :**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Stefan Cutajar talli fil-21 ta’ Mejju 2011 ghall-habta ta’ 23:00 hrs bhala l-persuna li f’ismu ghandu licenzja ta’ *substitute* tal-hanut ta’ l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta’ Chequers Bar li jinsab gewwa Triq Dragonara, San Giljan, ippermetta tfal taht is-sbatax-il sena biex jidhlu fil-post imsemmi;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Ottubru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 6 u

15 tal-S.L 10.40 u l-artikolu 13 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Stefan Cutajar hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta' hames mitt euro (€500) u multa ta' mitejn u tlieta u tletin euro (€233) ghat-tifel illi ddahhal fil-fond;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Stefan Cutajar ipprezentat fl-20 ta' Ottubru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata u/jew thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza u konsegwentement tilliberah mill-imputazzjoni lilu addebitata u l-piena inflitta u/jew alternattivament tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tirrigwarda l-piena nflitta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet ix-xhieda; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni u interpretazzjoni skorretta tal-ligi u tal-provi. Il-minuri stess xehed li hu qaghad barra jistenna l-mument opportun biex jidhol gewwa peress li kien hemm persuni mal-bieb biex jivverifikaw proprju li ma jidhlux minuri. Inoltre m'hemmx spostament ta' l-oneru tal-prova fuq id-difiza u ma japplikax l-artikolu 13 tal-Kap. 249. Ghalhekk jispetta lill-prosekuzzjoni tipprova li kien l-appellant li ppermetta li jidhlu minuri u mhux bl-invers, u mill-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti dan ma rrizultax; (2) li mill-provi prodotti u minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, ma tirrizultax ir-reita` fil-konfront ta' l-appellant peress illi hemm in-nuqqas ta' ness bejnu u l-imputazzjoni addebitata lilu; (3) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-piena kellha tkun dik imposta fis-subinciz (1) tar-regolament 14 ta' l-Avviz Legali 124/1995.

**6.** Ir-regolament 6(1) ta' l-Avviz Legali 124/1995 jipprovdi: **"Persuni taht l-età ta' sbatax-il sena ma ghandhomx jithallew jidhlu gewwa lokalità ta' divertiment, u zghazagh li jkollhom iktar minn sbatax-il sena ghandhom qabel ma jidhlu f'dik il-lokalità johorgu u**

**juru l-karta ta' l-identità taghhom lill-proprjetarju."** Proprjetarju dwar kull divertiment huwa deskritt fir-regolament 2 bhala **"il-persuna li torganizza jew tmexxi d-divertiment jew li tkun responsabbli ghall-organizzazzjoni jew ghat-tmexxija tieghu u tinkludi kull persuna li jkollha xi interess finanzjarju fid-divertiment jew f'dak li jidhol minnu, u kull persuna li f'isimha jigu ricevuti hlasijiet ghal divertiment; u f'kaz ta' persuna guridika, il-frazi 'proprjetarju' ghandha tinkludi wkoll lill-*manager* jew lil kull ufficjal principali iehor ta' dik il-persuna guridika."** L-appellant huwa licenzjat bhala *substitute*, allura f'dan il-kaz il-persuna li ghandha titqies bhala **"l-proprjetarju"** ghall-finijiet ta' din il-ligi, u konsegwentement il-persuna responsabbli biex tara li ma jthallewx tfal taht is-sbatax-il sena jidhlu fil-fond in kwistjoni.

**7.** Issa, mill-provi li semghet din il-Qorti m'hemm l-ebda dubju illi fil-gurnata in kwistjoni gewwa l-fond Chequers il-Pulizija sabu lil Ryan Cutajar li kien qieghed ipejjep u ghalhekk marru fuqu u harguh 'il barra, sabu li kien sprovvist mill-karta ta' l-identita` u li effettivament kien ghad ghandu erbatax-il sena. Mix-xiehda jidher car illi l-Pulizija marru fuqu ghax kien qieghed ipejjep u mhux ghax issuspettaw li kien taht l-eta`. Il-mistoqsija ghalhekk hi kif Ryan Cutajar dahal fil-post. L-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati talli <u>ppermetta</u> lil Ryan Cutajar jidhol fil-post u kkundannatu ghall-hlas ta' multa addizzjonali tat-tifel li <u>ddahhal</u> fil-post.

**8.** Mix-xiehda huwa evidenti illi l-appellant kellu xi nies li kienu joqoghdu mal-bieb biex, *inter alia*, jivverifikaw min kien diehel fil-post. Hawn huwa importanti dak li xehed Ryan Cutajar stess quddiem din il-Qorti. Huwa qal illi dahal biex ikellem lil huh u rnexxielu jidhol ghax sab il-*bouncer* aljenat ghax kien qieghed jirranga s-siggijiet u mwejjed. Spjega li kien hemm is-siggijiet u mwejjed kollha mharbtin u l-*bouncer* mar jirrangahom biex in-nies ikunu jistghu jidhlu sew, u kif mar jirrangahom, dahal. Jidher car illi Ryan Cutajar kien qieghed jistenna l-mument opportun sabiex jisgicca, u l-mument gieh meta l-*bouncer* li kien hemm mal-bieb beda jirranga xi siggijiet u mwejjed.

Evidentement is-sistema li kellu l-appellant ma kinitx *a foolproof system*, kif forsi hu mistenni minnu. Mill-banda l-ohra, f'dan il-kaz la jirrizulta li l-appellant "ippermetta" u wisq anqas li "dahhal" lil Ryan Cutajar. Ryan Cutajar dahal fil-fond bil-mohbi u meta l-istess Ryan Cutajar kien jaf li ma setax jidhol fil-fond in kwistjoni. F'dawn ic-cirkostanzi partikolari, l-appellant ma jistax jitqies kriminalment responsabbli, u kwindi l-appell jimmerita akkoljiment.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u b'hekk tilliberah mill-istess imputazzjoni u minn kull piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------